# "GĦAND MIN IMMORRU?" (ĠW. 6:68)

## Ittra Pastorali għar-Randan 2010 – Is-Sibt, 13 ta' Frar 2010

Maħbubin Uliedna,

Fost il-ħafna ħwejjeġ pożittivi li għandna f'pajjiżna ninnutaw li kiber l għatx għat tagħlim, u billi l-opportunitajiet tat-tagħlim kotru, it-tagħlim infirex. Fl-istess waqt, jidher li għalkemm il-bniedem illum sar jaf jaqra, donnu għandu diffikultà biex jaqra l-istorja ta' ħajtu u tal-ġens tiegħu; għalkemm il-bniedem kapaċi jgħodd in-numri, donnu qed jinfixel x'ħin jiġi biex jagħmel is-somom tal-ħajja tiegħu. Mogħni bl-għerf tax-xjenzi u t-teknoloġija, il-bniedem wasal biex isib tarf ta' ħafna kobob imħabbla, imma fl-istess ħin il-kobba ta' ħajtu aktar qed iħabbilha!

In-nuqqas ta' kuntentizza, l-inġustizzji, il-faqar, it-tilwim, iż-żwiġijiet imkissra, l-orfni ġodda, il-pornografija huma ftit mill-provi ta' dan. Imma sinjal aqwa li jikkonferma dan kollu hija l-kultura ta' żmienna mjassra mid-dubji, b'mod partikulari d-dubju dwar id-dinjità ta' kull bniedem, it-tifsira tal-verità, tat-tajjeb, tal-ġmiel tal-ħajja, u dwar fejn il-bniedem ser jagħti rotta aħħarija tal-ħajja. Tant qed nitilfu l-ħila li naqraw u niżnu dak li qed iseħħ f'ħajjitna, tant il-kobba tħabblet, li hemm min qed jaqta' qalbu li jista' jgħaddi lis-soċjetà, partikularment liż-żgħażagħ, dak li huwa validu u ċert, kriterji ta' mġieba u valuri bis-sens li joffru serħan il-moħħ!

### Fiduċja fil-bniedem

Iżda quddiem din is-sitwazzjoni m'għandniex naqtgħu qalbna! Il-bniedem li jgħarbel lilu nnifsu kapaċi jsib iċ-ċavetta tas-soluzzjoni. Għaliex il-bniedem mhux biss kapaċi jitgħallem, imma minn qaddisu huwa miftuħ għat-tajjeb, għas-sewwa u għas-sabiħ! Sakemm ikollu edukaturi tajba u sakemm ma jagħmilx reżistenza u jibbies quddiem min jixtieq jgħinu jagħraf lilu nnifsu, il-bniedem jista' u għandu joħroġ mid-deżert li jwaħħax tal-ħajja. Fost dawn l-edukaturi, hemm Alla.

### Alla jeduka l-bniedem

Aħna nemmnu f'Alla li jeduka l-poplu tiegħu. Alla joffri li jagħmel magħna f'kull żmien l-istess kif għamel mal-Lhud meta kienu fid-deżert. Naqraw fid-Dewteronomju: "F'art imwarrba mar isibu, f'deżert ta' għajjat waħxi. Dar miegħu u ħa ħsiebu; ħarsu bħall-mimmi ta' għajnejh. Bħalma l-ajkla l-bejta ttajjar, u tittajjar fuq uliedha, tiftaħ ġwenħajha u ttellagħhom, u ġġorrhom fuq ġwenħajha, hekk il-Mulej mexxiehom waħdu, u ebda alla ieħor ma kien miegħu" (Dewt. 32,10-12). Ma' din, fl-istess Ktieb tad-Dewteronomju għandna t-tixbiha sabiħa fejn id-deżert hu mqabbel ma' post ta' kura, ma' sptar, fejn Alla jikkura biex ifejjaq lilna lkoll.

Dan hu Alla li r-Randan ta' kull sena jippreżentalna: hu Alla li jimxi magħna biex jedukana u jiffurmana. Alla li jagħmel lilu nnifsu preżenti fiċ-ċirkostanzi l-iktar konkreti li ngħixu fihom, anke jekk dawn ikunu ħżiena jew ta' tbatija. Huwa Alla li jieqaf ma' kull persuna u jimxi magħha bil-pass tagħha hekk li gradwalment, pass wara l-ieħor, hija tkun tista' toħroġ mid-deżert tal-ħajja: "Bħal ragħaj jirgħa l-merħla tiegħu; bi driegħu jiġma' l-ħrief, u fi ħdanu jerfagħhom u n-nagħaġ ireddgħu jmexxihom bil-mod il-mod" (Iż. 40,11). Alla jmexxina biex insiru bnedmin sħaħ, mifruda mid-dnub u marbuta mar-rieda tiegħu. L-ewwel u qabel kollox Hu jkellem lill-qalb. Isibna proprju fejn aħna nħossu l-vojt, fejn aħna mweġġgħa, fejn aħna mifnija mid-dubji. Imissna biex ifejjaqna proprju fejn aħna konfużi, fejn aħna l-iktar dgħajfa quddiem vizzji bħad-droga, ix-xorb u l-logħob, li bil-mod il-mod ineżżgħuna minn kull dinjità.

Aħna l-isqfijiet nemmnu li hawn jinsab is-sigriet tas-sistema tas-soċjetà tagħna: li nagħrfu lil Alla bħala l-ewwel edukatur u li ma nibżgħux nidħlu f'din ir-relazzjoni edukattiva li Hu jixtieq iwaqqaf magħna, kemm bħala individwi kif ukoll bħala soċjetà!

### Alla għandu fiduċja fina

Alla, li nemmnu fih aħna, jakkumpanjana anke fejn aħna naqgħu u nċedu għall-ħażen ġo fina u madwarna. Il-fatt li llum il-ħajja tagħna qed tiġi mfassla u magħġuna minn elementi li jxekklulna l-libertà, anke meta fil-fond ta' qalbna nixtiequ nkunu onesti, qed iwassal biex jinħolqu sitwazzjonijiet ta' deżert. Dawn huma sitwazzjonijiet fejn il-korruzzjoni faċli tegħlibna, fejn issir ħsara morali jew fiżika li diffiċli tirrepara, meta nidħlu f'relazzjonijiet irregolari u ma narawx mod kif nibdlu r-rotta. Dawn sikwit huma sitwazzjonijiet fejn aħna naqtgħu qalbna. Imma llum, aħna l-Isqfijiet nixtiequ ntennu b'qawwa kbira li anke f'dawn l-istess ċirkostanzi, Alla qatt ma jaqta' qalbu mill-bniedem. Alla għandu fiduċja kbira fina. Ir-realtajiet koroh ta' ħajjitna lil Alla ma jnaffruhx u ma jdejquhx. Hu jħabbat biex nifthulu ħalli jidħol, biex lil dik il-persuna u lil dik is-soċjetà jiffurmaha u

jħarisha "bħall-mimmi ta' għajnejh" .

B'ħafna paċenzja Alla jedukana biex insibu l-qawwa li tiffurmana u tirriformana umanament u spiritwalment. San Pawl jikteb: "Dehret il-grazzja t'Alla għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha; hi trawwimna nwarrbu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, biex ngħixu bir-rażan u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien u nistennew it-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-Kbir Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu" (Titu 2,11-13).

### Għarfien tal-Iskrittura

Fejn insibu dan il-programm edukattiv ta' Alla? Fl-Iskrittura! Fiha niltaqgħu mhux biss ma' kliem imnebbaħ minn Alla, imma wkoll ġrajjiet u esperjenzi li juru kif Alla tkellem man-nies fl-istorja tan-nies. Hemmhekk hemm id-djalogu tas-salvazzjoni li seħħ fl-istorja bejn Alla u l-bniedem, li laħaq il-milja tiegħu fil-persuna u fil-ħajja ta' Ġesù Kristu, li sar bniedem biex jifdina bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Biex iħares lill-bniedem, Alla xtrana bi prezz għoli (1Kor 6,20). Huwa "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir ... ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil. 2,7-8). Il-Knisja hi msejħa biex tkompli dan id-djalogu fl-istorja mal-umanità, hu fejn hu l-bniedem.

**L-edukazzjoni vera fil-fidi tista' sseħħ biss f'għarfien iktar profond tal-Kelma t'Alla. Jeħtieġ nagħrfu l-ħtieġa urġenti li l-Kelma t'Alla terġa' ssib postha fil-qalba tal-komunitajiet parrokkjali tagħna u fiċ-ċentru tal-għaqdiet u l-movimenti li janimaw il-Knisja. Inħeġġu biex il-komunitajiet parrokkjali tagħna jiffukaw iżjed u jinbnew iżjed fuq il-Kelma t'Alla. Illum irridu nagħrfu b'onestà li ħafna ħidmiet tagħna li ma jitilqux mill-Kelma t'Alla u li ma jwasslux għaliha, huma biss sforzi inutli li jtaqqlu u mhux jgħinu l-mixja edukattiva tal-poplu tagħna u l-formazzjoni Nisranija tagħna.**

### Knisja Omm u Għalliema

Il-Knisja hija l-komunità li rċeviet l-Evanġelju, imma li qabel tevanġelizza trid tkun hi stess evanġelizzata. Hija l-Knisja Omm u Għalliema. Mhijiex Omm biss u l-anqas Għalliema biss. Hija Omm għax trid tħobb u tagħder u tiftaħ il-bibien għal kulħadd; imma hija Għalliema għaliex bl-istess Kelma t'Alla trid "tgħallem, iċċanfar, twiddeb u trawwem fis-sewwa" (2 Tim. 3,16). Il-Knisja, waqt li tagħder u tħenn, ma tistax tonqos milli toffri u tindika t-triq tal-verità kif indikata mill-Kelma t'Alla.

L-eżerċizzi tar-Randan, il-qari tal-Kelma t'Alla proposti mil-Liturgija, l-irtiri, it-talb imsieħeb mis-sawm u l-karità, huma kollha mumenti qawwija fejn nistgħu nirċievu l-Kelma li tiffurmana biex imbagħad aħna nġeddu l-ambjenti ta' madwarna: il-familja, il-postijiet tax-xogħol, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-komunitajiet ekkleżjali.

L-Aħbar it-Tajba tal-Evanġelju hija għal kulhadd: dawk li jiġu l-Knisja, dawk li kienu fil-Knisja u telqu, u dawk li qegħdin ifittxu l-verità barra mill-Knisja. Kif fit-Tempju ta' Ġerusalemm kien hemm "il-bitħa tal-pagani" li fiha kienu jidħlu dawk li ma kinux Lhud, anke fil-Knisja tagħna jeħtieġ noħolqu spazju għal dawk li ma jemmnux jew li jħossuhom bogħod mill-Knisja. Bħal Kristu li miet għal kulħadd biex kulħadd isalva, il-Knisja, oħt u qaddejja, qatt ma tista' tkun esklussiva.

### Żjara tal-Papa

Nixtiequ li din is-sena r-Randan ikun żmien ta' grazzja mhux biss biex nieħdu sehem fl-Għid ta' Kristu, imma wkoll biex nitħejjew għaż-żjara f'pajjiżna tal-Q.T il-Papa Beneditt XVI. Billi l-Imgħallem tagħna Ġesù Kristu ħalla lil Pietru biex iwettaq lid-dixxipli fil-fidi, fil-Papa, Vigarju ta' Kristu u suċċessur ta' Pietru, naraw lil dak li jikkonfermana f'dan il-proċess edukattiv tal-fidi li għandu jwassalna biex bħal Pietru ntennu: "Mulej, għand min immorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw. 6,68).

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna.

✠ PAWLU CREMONA O.P.
Arċisqof ta' Malta

✠ MARIO GRECH
Isqof ta' Għawdex

# "JEĦTIEĠ IŻDA LI NAĦBTU MA' GŻIRA"

**Omelija tal-Isqof Mario Grech fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, Marsalforn, 25 ta' Jannar 2010.**

Biex iż-żjara pastorali ta' Missierna Benedittu XVI fostna tkun esperjenza spiritwali u ekkleżjali, il-Knisja f'pajjiżna stednitna naħsbu fuq sentenza li nsibu fl-Atti tal-Appostli: "Jeħtieġ iżda li naħbtu ma' gżira" (27,26). Għaliex kien meħtieġ li l-ġifen ta' Pawlu jaħbat fuq ix-xtut tagħna?

Nifhem li l-gżejjer Maltin, li f'dik l-epoka kienu maħkuma mir-Rumani, kienu jeħtieġu li jasal fosthom xi ħadd li jagħtihom direzzjoni verament ħielsa minn kull interess politiku partiġġjan. F'dawk iż-żminijiet, il-Maltin kellhom jagħmlu ċerti għażliet soċjali, liema għażliet komplew jimmaturaw matul is-sekli sakemm bħala nazzjon ma bqajna taħt it-takkuna ta' ħadd imma ħadna r-riedni f'idejna. Nistħajjel li taħt ir-Rumani, il-Maltin kellhom il-libertà mxekkla, u għalhekk, fit-tfittix ta' toroq li jwasslu għall-

ħelsien, huma kienu jfittxu wkoll lil xi ħadd li seta' jindikalhom kif jużaw il-libertà b'responsabbiltà. Kienu mixtieqa li jirċievu dawl biex jagħrfu d-drittijiet ċivili veri tagħhom u kif dawn setgħu jeżerċitawhom filwaqt li jonoraw ukoll id-dmirijiet tagħhom. Kienet epoka fejn l-istess strutturi soċjali kellhom ħtieġa ta' pedamenti umani sodi. Għalhekk, nara li dakinhar pajjiżna kien jeħtieġ li l-ġifen ta' Pawlu jasal fostna!

## Pawlu wasslilna l-imħabba ta' Alla

Min-naħa l-oħra, nifhem li Alla wkoll kien jeħtieġ li l-Appostlu tal-Ġnus jieqaf f'pajjiżna fi triqtu lejn Ruma. Fl-imħabba kbira tiegħu lejn kull bniedem, Alla ried li jirrivela lilu nnifsu lil dan il-ġens Malti biex jibda miegħu esperjenza kollha mħabba. Dan hu dak li jissejjaħ "l-imperattiv teoloġiku". Alla huwa mħabba. U billi Alla ma jistax iżomm għalih din l-imħabba, l-istess imħabba divina kellha l-ħtieġa li twassal lil Pawlu fuq dawn il-gżejjer.

Kienet ukoll il-Kelma esplossiva t'Alla li, ġaladarba dehret fost il-bnedmin fil-persuna ta' Ġesù Kristu, riedet tasal sa truf l-art kollha – "morru xandru l-Evanġelju fid-dinja kollha". Billi hija Kelma li tqawwi, tfejjaq u ġġedded lill-bniedem, kien meħtieġ li Pawlu l-missjunarju jmidd riġlejh fuq artna biex jevanġelizza l-poplu Malti. Hekk bil-Kelma tiegħu, Alla seta' jdawwal il-moħħ u jsaħħan il-qalb tal-bniedem ġdid! Hija din il-Kelma, kollha ġmiel għax hija l-verità, li bid-dawl tagħha akkumpanjat lill-Maltin waqt li matul is-sekli għaddew minn sqaqien mudlama.

Fuq kollox kien Kristu nnifsu, uniku feddej tal-bnedmin, li ħtieġlu jiltaqa' mal-poplu tagħna permezz ta' Pawlu, il-maħtur tiegħu, biex lilna jdewwaqna l-benna u l-qawwa tal-grazzja miksuba bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Kien għalhekk "meħtieġ" li dak Alla mhux magħruf li l-Maltin, bħan-nies tal-belt ta' Korintu, kienu jemmnu fih, jikxef il-wiċċ moħbi tiegħu li deher f'Ġesù Kristu. Permezz tal-Knisja mwaqqfa fostna minn Pawlu, il-Maltin setgħu jixorbu mill-għejjun tal-grazzja li huma s-sagramenti mqaddsa.

Fid-dawl ta' dan kollu, meta nara x'qed jiġri madwarna, nara li mhux biss kien meħtieġ li Pawlu jaħbat ma' din il-gżira, imma llum ukoll huwa meħtieġ li Pawlu jerġa' jżur lil dan il-poplu. Iż-żminijiet li qed ngħixu fihom juru biċ-ċar li fil-proċess ta' globalizzazzjoni, pajjiżna qed jissielet biex jibqa' ħieles tassew. Illum ukoll neħtieġu direzzjoni minn xi ħadd għaref li jitkellem għax iħobb is-sewwa. Illum ukoll, il-poplu qed ifittex isaffi ċ-ċiviltà għanja ta' żmienna minn dak kollu li jitqies bħala kisba mill-bniedem limitat u mħassar. Illum ukoll hawn għatx għal dak li huwa spiritwali, imma kemm l-iskandli li qed jagħti min jiftaħar li jemmen kif ukoll il-pluraliżmu reliġjuż, hemm min ma jafx fejn għandu jorbot.

## Nawfraġji ta' żminijietna

Infatti, quddiem ix-xena tan-nawfraġju ta' San Pawl, jien nara li s-soċjetà tagħna, jekk ma tagħlaqx għajnejha u widnejha, għandha tintebaħ li qed nassistu għal nawfraġji oħra.

Nara n-nawfraġju tal-kuxjenza, kemm dik individwali kif ukoll dik kollettiva. Il-bniedem mingħajr kuxjenza qisu ġisem mingħajr ruħ. Għax il-kuxjenza hija dik il-fakultà li għandu l-bniedem biex jista' jiżen u jiddeċiedi bejn dak li jiswa u dak li ma jiswiex. Permezz tal-kuxjenza li tħaddan il-prinċipji tal-moralità, il-bniedem jasal, mhux mingħajr diffikultà, biex fil-ħajja jagħraf il-moralità tal-azzjoni tiegħu. Dawn il-prinċipji tal-moralità ma joħloqhomx il-bniedem, imma l-bniedem isibhom għax jeżistu b'mod oġġettiv. Il-bniedem jista' jasal għalihom bir-raġuni, aktar u aktar jekk ir-raġuni tkun imdawla mill-fidi. Meta l-kuxjenza tagħna tkun taħt "id-dittatura tas-suġġettiviżmu", fis-sens li jidhrilna li kull wieħed u waħda minna nkunu sirna għajn tas-sewwa u tat-tajjeb, allura toktor id-diżordni u nsiru theddida għal xulxin.

Ma nistgħux niċħdu li għandna nawfraġji taż-żwieġ u l-familja. M'humiex ftit dawk li b'għafsa ta' qalb assistew għall-għarqa tal-ġifen taż-żwieġ jew tal-familja ta' xi ħadd għażiż għalihom! Huwa l-qafas taż-żwieġ-ġifen li qed iċedi għax m'għadux jiflaħ għall-imbatt tal-ħalel tal-baħar? Jew aħna, meta qed nibnu dawn l-iġfna, m'aħniex inrażżnu tajjeb ma' xulxin il-membri li jiffurmaw il-qafas? Jew forsi aħna llum qed nibnu u nvaraw mudelli ġodda ta' iġfna li m'humiex kapaċi jirreżistu l-maltemp? Jekk il-familja tinżel, magħha tinżel is-soċjetà. Jekk il-familja tagħraf issalpa, allura hemm futur għall-membri tagħha u għas-soċjetà!

Imbagħad nilmaħ il-possibbiltà li anke l-Knisja lokali, bħala komunità li temmen, tista' tegħreq. San Pawl innifsu jitkellem ma' Timotju dwar "in-nawfraġju tal-fidi" (1Tim 1,19). It-telqa fil-ħeġġa għal Kristu, l-injoranza tal-Iskrittura, it-traskuraġni tas-sagramenti, ir-reliġjożità marida, in-nuqqas ta' rieda soda biex niġġieldu d-dnub, l-inkapaċità biex nintroduċu l-Evanġelju fil-ħajja ta' kuljum – dawn kollha huma sintomi li l-ġifen tal-Knisja qed jimtela bl-ilma u m'aħniex naqdfu flimkien biex noħorġu minn din iż-żona tal-maltemp! Huwa minnu li Kristu tana l-kelma li l-Knisja mhix ser tiġi nieqsa; imma Kristu ma tana ebda garanzija li l-Knisja ser tibqa' wieqfa f'pajjiżna!

## Pawlu għadu jagħmel il-qalb lill-Knisja f'pajjiżna

Dakinhar tan-nawfraġju ta' San Pawl, meta l-indikazzjonijiet kienu li kulħadd u kollox kien ser jinżel fil-qiegħ tal-baħar, Pawlu "għamel il-qalb

lil kulħadd" (Atti 27,33). Hekk ukoll quddiem in-nawfraġji li semmejt aktar 'il fuq jeħtieġ li Pawlu jerġa' "jaħbat" ma' din il-gżira biex jimlina bil-kuraġġ ħalli jkun hemm intervent fil-ħin biex insalvaw.

Huwa meħtieġ li Pawlu jerġa' jżurna biex iqajjem moviment ta' evanġelizzazzjoni li jilħaq lil kulħadd – miż-żgħar sal-adulti. Fuq l-eżempju ta' Pawlu, neħtieġu predikaturi li, f'waqtu u barra minn waqtu, jitkellmu dwar Kristu u dan imsallab għax fis-salib il-bniedem jista' jagħraf il-kobor tal-imħabba t'Alla lejh. Mhux li kien li ninvestu fix-xandir tal-Kelma u fil-katekeżi daqskemm ninvestu fl-ispettakli reliġjużi. Forsi għadna ma nemmnux biżżejjed li "l-Evanġelju huwa l-qawwa t'Alla għas-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu" (Rum 1,16). Hija din il-Kelma li tista' ddawwal il-kuxjenza; li tiftaħ qalb il-bniedem li jixtieq jgħix l-imħabba vera fiż-żwieġ u l-familja.

Huwa meħtieġ li Pawlu jerġa' jiġi biex ikollna "fundazzjoni mill-ġdid" tal-Knisja ta' Kristu li tgħammar fost il-familji fil-parroċċi. Maż-żmien il-Knisja tagħna libbisniha libsa li mhix tagħha; poġġejna fuq fommha kliem barrani; tajniha bixra ta' argużin meta min-natura tagħha hija Omm li tħenn. Ħafna drabi donna nippreferu nilagħbu ta' knisja milli nkunu Knisja. Aktar inkunu mħassbin kif ser nikkonservaw it-tradizzjonijiet tagħna milli naraw kif ser nindirizzaw l-isfidi emerġenti ta' żminijietna. Hemm min jippreferi jħares lejn il-Knisja bħala blokk politiku, kulturali jew etiku, milli bħala dak il-poplu t'Alla li jemmen u jiċċelebra lil Alla li jgħammar fostu – dak Alla li tant ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, Ġesù Kristu biex kull min jemmen fih isalva u ma jkunx ikkundannat! Jekk il-Knisja tibqa' mlibbsa bil-kostum antik, tkun tirriskja li ddaħħak; jekk ma tagħmilx sforz biex, filwaqt li tibqa' tgħożż il-verità li rċeviet, tfittex lingwaġġ b'idjoma moderna, tipperikola li ma tinftiehemx u ma tieħux sehem fid-djalogu; jekk l-enerġiji tagħha tapplikahom biex tkun mużew u mhux biex iddawwal il-bniedem ta' llum, titlef ir-relevanza tagħha!

Konvinti li nistgħu napplikaw għal Papa Benedittu XVI dak li jingħad għal Pawlu u sħabu: "nies li ddedikaw ħajjithom għall-isem ta' Sidna Ġesù Kristu" (Atti 15,26), nitolbu lil Alla biex din iż-żjara "meħtieġa" tas-suċċessur ta' San Pietru fostna tkun barka għal pajjiżna.

# IT-TEMPESTA TAL-KNISJA LLUM

**Omelija tal-Isqof Mario Grech fil-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, Munxar, 10 ta' Frar 2010.**

"Bħalma l-ġifen ta' San Pawl kien imħabbat ħafna mit-tempesta, hekk il-Knisja f'pajjiżna għaddejja minn baħar imqalleb, u jista' jkun li bħall-baħrin fuq il-ġifen ta' Pawlu fil-Knisja jkun hemm minn jitlef kull tama li jsalva.

Hemm **it-tempesta spiritwali** fil-ħajja interjuri tan-Nisrani, għax minkejja li jkun jemmen fil-valuri tal-Evanġelju, ħafna drabi, bħal San Pawl innifsu, in-Nisrani jsib ruħu qed jagħmel dak li ma jixtieqx jagħmel. It-taqbida spiritwali hija parti mill-proċess li għandu jwassal biex in-Nisrani jikber.

Imbagħad hemm **it-tempesti fil-ħajja interna tal-Knisja**. Fost dawn hemm il-firdiet u n-nuqqas ta' komunjoni bejn l-Insara stess, kif ukoll bejn komunità parrokkjali u oħra. In-nuqqas ta' karità bejn id-dixxipli ta' Kristu huwa mġieba skandaluża, bħalma huma skandli koroh l-abbużi fil-Knisja, partikularment l-abbużi sesswali mwettqa minn membri tal-kleru jew reliġjużi. Abbużi ta' din ix-xorta, iktar u iktar jekk ikunu involuti l-minorenni, jagħmlu ħsara enormi u qed ikissru l-kredibbiltà tal-Knisja.

Qed issir ħsara lill-Knisja meta fi ħdanha ma jkunx hemm ubbidjenza lejn il-Maġisteru tal-Knisja. Jekk fil-Knisja xi ħadd iwassal tagħlim mhux ortodoss, dan iħawwad il-kuxjenza ta' ħafna.

Hemm imbagħad **it-tempesti li huma esterni għall-Knisja**. Fost dawn hemm is-sekulariżmu li jrid jibni "l-belt tal-bnedmin" mingħajr ma jkun hemm riferenza għal Alla. L-imġieba perversa ta' xi wħud fis-soċjetà li jiftaħru b'dak li suppost għandu jħammrilhom wiċċhom għax imur kontra l-istess dinjità umana, hija kurrent ieħor f'din it-tempesta li qed tħabbat il-komunità ta' dawk li jemmnu.

Dan it-taqlib qatt m'għandu jaqta' qalb il-Knisja, imma sewwa li l-Insara jkunu jafu bih biex bħal San Pawl, filwaqt li jibqgħu fuq il-ġifen, jilqgħu għal dawn it-tempesti.

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.